



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' April 2023
(OR. en)

8610/23

COAFR 145
CFSP/PESC 614
DEVGEN 77
COHOM 95
COHAFA 46

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Etjopja
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' April 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Etjopja kif approvati fit-3944 laqgħa tal-Kunsill fl-24 ta' April 2023.

Etjopja**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. L-Etjopja hija sieħeb strateġiku essenzjali għall-Unjoni Ewropea fil-Qarn tal-Afrika u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar, u b'mod aktar ġenerali fil-kontinent Afrikan. L-UE tapprezza d-djalogu u l-kooperazzjoni u mill-qrib li ilhom jeżistu mal-Gvern tal-Etjopja fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet. Bir-riżoluzzjoni tal-konflitt fit-Tramuntana tal-Etjopja, l-UE tħares 'il quddiem lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Etjopja u lesta tappoġġa aktar progress fi triqitha lejn paċi dejjiema.
2. L-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għall-Ftehim ta' Paċi Dejjiema permezz ta' Waqfien Permanenti tal-Ostilitajiet (CoHA) konkluż fit-2 ta' Novembru 2022 bejn il-Gvern tal-Etjopja u l-Front għal-Liberazzjoni tal-Poplu tat-Tigray (TPLF). L-UE tfaħħar l-impenn kontinwu muri miż-żewġ naħat u tilqa' b'sodisfazzjon il-progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tas-CoHA, b'mod partikolari fejn jidħol "Silencing the Guns" (il-waqfien tal-użu tal-armi), l-iffaċilitar ta' aċċess umanitarju aħjar, it-tnedija tal-Kummissjoni Nazzjonali ta' Riabilitazzjoni biex tindirizza d-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni (DDR), l-istabbiliment tal-Missjoni ta' Monitoraġġ, Verifika u Konformità tal-Unjoni Afrikana (AU MVCAM), it-tneħħija tat-TPLF mil-lista ta' organizzazzjonijiet terroristiċi, il-progress fir-restawr tas-servizzi pubbliċi u l-ħatra ta' amministrazzjoni interim fit-Tigray, kif ukoll l-iżvilupp ta' politika nazzjonali dwar il-ġustizzja tranżizzjonali li qed isir bħalissa.

3. Il-waqfien totali tal-ostilitajiet, l-aċċess umanitarju mingħajr xkiel u l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-ksur u għall-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem huma elementi ċentrali tas-CoHA. Dawn kienu u jibqgħu wkoll il-prijoritajiet ewlenin tal-UE. Soġġett għal implimentazzjoni sostnuta tas-CoHA, l-UE ser terġa' lura progressivament lejn Impenn Strateġiku¹ sħiħ u msaħħaħ mal-Etjopja. L-UE hija ħerqana li tagħti haġja mill-ġdid lid-djalogu politiku fil-livelli kollha xierqa mal-Gvern tal-Etjopja u li terġa' tniedi d-djalogi settorjali. Impenn u kooperazzjoni aktar diretti u regolari ser jippermettu sħubija aktar b'saħħitha.
4. L-UE lesta tniedi mill-ġdid il-programm indikattiv pluriennali (MIP) regolari tagħha biex jakkumpanja aktar progress fil-konsolidazzjoni tar-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti, ir-rikonċiljazzjoni, l-istabbilizzazzjoni u l-irkupru u l-istabbiltà makroekonomika fl-Etjopja kollha. Tħeġġeġ bil-qawwa wkoll lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex jassistu lill-Gvern tal-Etjopja jindirizza s-sitwazzjoni ekonomika kritika fil-pajjiż permezz tal-aġenda ta' riforma ekonomika tiegħu, u lill-pajjiżi kredituri biex jaħdmu għal konklużjoni rapida tal-proċess ta' ristrutturar tad-dejn permezz tal-Qafas Komuni.

¹ *Dikjarazzjoni Konġunta lejn Impenn Strateġiku UE-Etjopja* ffirmata mill-Prim Ministru tal-Etjopja u l-President tal-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta' Ġunju 2016.

5. L-akkontabbiltà u l-ġustizzja tranżizzjonali huma s-sinsla ta' paċi u rikonċiljazzjoni dejjiema. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper dwar il-ġustizzja tranżizzjonali² u thegħegħ lill-Gvern tal-Etjopja biex ikompli jiehū passi konkreti fit-tmexxija 'l quddiem tal-għażliet li jinsabu fiha, skont in-normi u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u bl-appoġġ ta' komponent internazzjonali, bħall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) tan-Nazzjonijiet Uniti. Investigazzjonijiet indipendenti, trasparenti u imparzjali dwar l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, imwettqa mill-partijiet kollha, huma kemm urġenti kif ukoll essenzjali. B'mod partikolari, l-UE tiddeplora l-livell terribbli ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru marbuta mal-konflitt. Bħala prijorità, l-UE tenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-ftuħ immedjat ta' proċeduri ġudizzjarji dwar l-aktar każijiet urġenti u s-salvagwardja tal-evidenza għal prosekuzzjoni futura. Tilqa' b'sodisfazzjon, u lesta tappoġġa, il-kooperazzjoni eżistenti bejn il-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Etjopja (EHRC) u l-OHCHR u, jekk xieraq, ma' korpi rilevanti oħra. L-UE tappella lit-TPLF u lill-Amministrazzjoni Interim tat-Tigray biex jidħlu fi djalogu miftuħ u attiv mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Tistenna b'interess ir-rapport finali li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni Internazzjonali tal-Esperti tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Etjopja (ICHREE) fl-54 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra. Fl-aħħar nett, l-UE lesta tappoġġa l-proċess tal-kisba tal-ġustizzja tranżizzjonali u l-irfiġh tar-responsabbiltà.
6. L-UE tesprimi s-solidarjetà tagħha mal-poplu tal-Etjopja, mal-vittmi u mal-familji tagħhom li sofrew l-impatt umanitarju, ekonomiku u soċjali drammatiku tal-konflitt fit-Tramuntana tal-Etjopja. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon it-titjib reċenti fl-aċċess umanitarju għall-maġġoranza taż-żoni milquta mill-konflitt fit-Tramuntana tal-Etjopja. Madankollu, il-bżonnijiet umanitarji mifruxa, inkluż f'partijiet oħra tal-pajjiż milquta minn nixfa kbira u kriżijiet oħra, jeħtieġu rispons adegwat u kkoordinat sew. Iż-żieda fl-ghajjnuna lil daww fil-bżonn, inkluż f'żoni li diffiċli jintlaħqu, kif ukoll il-konsenja u l-finanzjament tagħha, jibqgħu prijorità immedjata u urġenti. L-UE ser tkompli tappoġġa l-konsenja u l-finanzjament tal-ghajjnuna umanitarja. Huwa essenzjali li jitkomplew l-isforzi biex jiġi żgurat ambjent sikur għall-operat tal-ħaddiema umanitarji.

² [Ethiopia Policy Options for Transitional Justice](#), (Għażliet Politiċi għall-Ġustizzja Tranżizzjonali fl-Etjopja), imressqa għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati f'Jannar 2023.

7. L-istabbiltà ġenerali, is-sovranità u l-integrità territorjali kif ukoll l-iżvilupp paċifiku tal-Etjopja huma kruċjali għall-pajjiż, għar-reġjun u għall-UE. Biex tiġi żgurata l-paċi dejjiema, l-UE tilqa' l-irtirar miftiehem tal-forzi barranin mit-territorju tal-Etjopja. L-UE tqis l-istabbiliment tal-Kummissjoni ta' Riabilitazzjoni Nazzjonali bħala inkoraġġanti u lesta toffri l-għarfien espert u l-appoġġ tagħha għal proċess inklużiv u trasparenti ta' DDR. L-UE lesta wkoll tassisti lill-UA fl-espansjoni u l-konsolidazzjoni tal-Missjoni ta' Monitoraġġ, Verifika u Konformità.
8. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon aktar sforzi biex il-vantaġġi tal-paċi jitwasslu malajr b'mod konkret lill-popolazzjonijiet kollha milquta, inkluż bl-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet inklużivi, kredibbli, ħielsa u ġusti fit-Tigray, biex jiġi stabbilit gvern reġjonali wara l-perjodu tal-Amministrazzjoni Interim.
9. L-UE tesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fit-tensjoni, l-allegati ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u l-vjolenza f'diversi partijiet tal-pajjiż, inkluż f'Oromia u Amhara. L-UE tinkoraġġixxi tnaqqis urġenti tat-tensjoni kif ukoll djalogu biex jinkisbu paċi u stabbiltà dejjiema b'mezzi politiċi u demokratiċi. L-UE thegħgeġ lill-Gvern tal-Etjopja biex ikompli jaħdem lejn proċess ta' djalogu nazzjonali trasparenti, inklużiv, komprensiv u bin-nies fil-qalba tiegħu. L-UE tappoġġa l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jiżguraw il-parteciġazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha, inkluż in-nisa u ż-żgħażaġh, b'mod partikolari permezz tal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media, u s-soċjetà ċivili.
10. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenji tagħha magħmula fl-ambitu tal-Istrateġija tal-UE għall-Qarn tal-Afrika (2021) u tagħraf ir-rwol strateġiku tal-Etjopja fi kwistjonijiet ta' paċi, sigurtà u integrazzjoni ekonomika fir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika u l-Baħar l-Aħmar. Billi l-isfidi dinjija qed jintensifikaw, sew daww għar-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-NU, kif ukoll daww marbuta mal-promozzjoni tal-multilateraliżmu, it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, l-irkupru ekonomiku, l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u l-kriżijiet tal-enerġija u tas-sigurtà tal-ikel, huma meħtieġa risposti kollaborattivi u koordinati. F'dan il-kuntest, l-UE tenfasizza l-opportunitajiet tal-Global Gateway u l-Inizjattiva għall-Qarn tal-Afrika tal-UE bħala mezzi li jappoġġaw tranżizzjoni ekoloġika u tranżizzjoni diġitali li jkunu intelliġenti u sostenibbli, kif ukoll il-konnettività u t-tkabbir ekonomiku għall-benefiċċju reċiproku u fl-ispirtu ta' sħubija ġenwina.

11. L-UE thegġegħ lill-isħab internazzjonali kollha biex b'mod ikkoordinat ikomplu bl-appoġġ tagħhom għall-proċess ta' paċi. L-UE, inkluż permezz tal-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, u flimkien mal-Istati Membri tagħha, ser tibqa' f'kuntatt mill-qrib mal-Gvern tal-Etjopja u ma' sħab reġjonali u internazzjonali tal-istess fehma, biex tiżgura approċċ komuni għas-sostenn tal-paċi dejjiema fl-Etjopja.
-